

31989D0501

23.8.1989

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 247/19

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Lulju 1989

**li tippreskrivi l-kriterji għal approvazzjoni u sorveljanza ta' l-assoċjazzjonijiet ta' min irabbi u organizzazzjonijiet għat-tniissil li jistabbilixxu jew iżommu kotba tal-merħliet għal majjali ta' razza pura għat-tniissil**

(89/501/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat Direttiva tal-Kunsill 88/661/KEE tad-19 ta' Diċembru 1988 dwar l-standards zootekniki applikabbli għal tniissil ta' annimali ta' l-ispeċi tal-majjali<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari ir-raba' inċiż ta' Artikolu 6(1) tagħha,

Billi fl-Istati Membri kollha kotba tal-merħliet jinżammu jew huma stabbiliti minn assoċjazzjonijiet ta' min irabbi, organizzazzjonijiet għat-tniissil u servizzi uffiċjali; billi huwa għalhekk meħtieġ li jkunu preskritti l-kriterji għall-approvazzjoni ta' assoċjazzjonijiet ta' min irabbi u organizzazzjonijiet għat-tniissil;

Billi assoċjazzjonijiet ta' min irabbi għandhom japplikaw għal approvazzjoni uffiċjali lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsabu l-kwartieri prinċipali tagħhom;

Billi, fejn assoċjazzjonijiet ta' min irabbi u organizzazzjonijiet għat-tniissil jissodisfaw ċerti kriterji u għandhom għanijiet definiti, għandhom ikunu uffiċjalment approvati mill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru li lilu kienu applikaw;

Billi l-miżuri li ttiprovdi għalihom din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar Zooteknika,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Biex tkun approvata uffiċjalment, assoċjazzjoni ta' min irabbi jew organizzazzjonijiet għat-tniissil li jżommu jew jistabbilixxu kotba tal-merħliet għandhom jissottomettu applikazzjoni lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu għandhom il-kwartieri prinċipali tagħhom.

## Artikolu 2

L-awtoritajiet ta' l-Istat Membru ikkonċernat jista' jagħti approvazzjoni uffiċjali lil kull assoċjazzjoni ta' min irabbi jew organizzazzjoni għat-tniissil li żżomm jew tistabbilixxi kotba tal-merħliet jekk tissodisfa l-kondizzjonijiet preskritti fl-Anness.

Madankollu, fi Stat Membru li fih fir-rigward ta' nisel speċifiku jeżistu diġa waħda jew iktar assoċjazzjonijiet ta' min irabbi jew organizzazzjonijiet għat-tniissil uffiċjalment approvati, l-awtoritajiet ta' l-Istat Membru konċernat jistgħu jirrifjutaw li jirrikonoxxu assoċjazzjoni ta' min irabbi jew organizzazzjoni għat-tniissil għalhekk jekk tipperikola l-priservazzjoni tan-nisel jew tagħmel ħsara lill-programm zootekniku ta' l-assoċjazzjoni jew organizzazzjoni eżistenti. F'każ bħal dan, l-Istat Membru għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bl-approvazzjonijiet mogħtija u rifjuti li jagħti rikonoxxenza.

## Artikolu 3

L-awtoritajiet ta' l-Istat Membru kkonċernat għandhom jirtiraw approvazzjoni uffiċjali minn assoċjazzjoni ta' min irabbi (inissel) jew organizzazzjoni għat-tniissil li żżomm kotba tal-merħliet jekk il-kondizzjonijiet preskritti fl-Anness mhumiex iktar jiġu sodisfatti b'manjiera persistenti mill-assoċjazzjoni ta' min irabbi jew organizzazzjoni kkonċernata.

## Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussels, it-18 ta' Lulju 1989.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

(<sup>1</sup>) ĠU L 382, tal-31.12.1988, p. 36.

## ANNEX

Biex ikunu uffiċjalment approvati, assoċjazzjonijiet ta' min irabbi u organizzazzjonijiet għat-tnissil li jżommu jew jistabbilixxu kotba tal-merħliet għandhom:

1. ikollhom personalità legali skond il-leġislazzjoni fis-seħħ fl-Istat Membru meta ssir l-applikazzjoni;
  2. prove to the competent authority jipprovaw lill-awtoritajiet kompetenti:
    - (a) li jaħdmu b'mod effiċjenti;
    - (b) li jistgħu jeżegwixxu l-kontrolli meħtieġa biex jirrekordjaw ir-razza;
    - (ċ) li għandhom merħla kbira biżżejjed biex jeżegwixxu programm ta' titjib tan-nisel, jew li għandhom merħla kbira biżżejjed biex jippriservaw in-nisel fejn dan huwa meqjus meħtieġ;
    - (d) li jistgħu jagħmlu użu mid-data ta' l-abbiltà tal-bhejjem biex jeżegwixxu programm ta' titjib tan-nisel jew priservazzjoni;
  3. ikollhom sett ta' regoli li jkopru:
    - (a) id-definizzjoni tal-karatteristiċi tan-nisel (jew nisel);
    - (b) is-sistema li tidentifika l-animali;
    - (ċ) is-sistema għar-rekordjar tar-razze;
    - (d) id-definizzjoni ta' l-għanijiet tat-tnissil tagħhom;
    - (e) is-sistemi biex isir użu mid-data ta' l-abbiltà tal-bhejjem, li jagħmluha possibbli li ssir stima tal-valur ġenetiku ta' l-animali;
    - (f) id-diviżjoni tal-ktieb tal-merħliet, jekk hemm kondizzjonijiet differenti biex jiddaħħlu animali jew jekk hemm proċeduri differenti biex ikunu kklassifikati l-animali li ddaħħlu fil-ktieb;
  4. ikollhom artikoli ta' assoċjazzjoni, li jippreskrivu, b'mod partikolari, l-prinċipju ta' non-diskrimanzzjoni bejn il-membri.
-